

Taqkira għaċ-ċittadini

Pakkett ta' Investiment Soċjali favur it-Tkabbir u l-Koeżjoni

Il-Kummissjoni tneġġeġ lill-pajjiżi tal-UE jagħfsu aktar fuq l-investiment soċjali. Investiment soċjali jfisser li jittejjbu l-kapaċitajiet tan-nies u li jingħatalhom sostenn biex jipparteċipaw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Dan iwassal għal aktar affluwenza għall-individwi, jagħti spinta lill-ekonomija u jgħin lill-UE toħroġ mill-kriżi aktar b'saħħitha, aktar koeżiva u aktar kompetittiva.

X'INHIL-KWISTJONI?

- **Il-kriżi ekonomika** – Il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali kibru iktar minn qatt qabel, u kaġun ta' dan kien hemm nies li spiċċaw barra mis-suq tax-xogħol u mis-soċjetà. Fl-istess ħin, il-baġits pubbliċi qegħdin taħt pressjoni. Din is-sitwazzjoni qed thedded l-ilħuq tal-mira tal-UE li, sal-2020, mill-inqas 20 miljun ruħ ikunu nħarġu mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali.
- **Il-bidliet demografiki** – Il-popolazzjoni ta' dawk fl-età tax-xogħol fl-Ewropa qed tiċkien, filwaqt li qed jiżdied il-proporzjon ta' persuni ikbar fl-età. Il-gvernijiet tal-UE qed ifittxu modi kif jiżguraw sistemi sostenibbli u adegwati ta' ħarsien soċjali.

X'JINVOLVI L-PAKKETT TA' INVESTIMENT SOĠJALI?

- *Infiq aktar effettiv u effiċjenti biex jiġi żgurat ħarsien soċjali adegwat u sostenibbli.* Dan jista' jseħħ billi tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tal-benefiċċji u tas-servizzi, billi dawn ikunu aktar immirati, u billi magħhom jintrabu l-kundizzjonijiet (li wieħed jieħu t-taħriġ, ngħidu aħna).
- *Investiment fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tan-nies* biex intejbulhom l-opportunitajiet li jintegraw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Eżempji ta' dan huma l-edukazzjoni, is-servizzi fejn jieħdu ħsieb lit-tfal, is-servizzi tas-saħħa, it-taħriġ, l-għajjuna għat-tfittix tax-xogħol, u r-riabilitazzjoni.
- *Żgurar li s-sistemi tal-ħarsien soċjali jaqdu l-ħtiġijiet tan-nies fil-waqtiet kruċjali ta' ħajjithom.* Dan ifisser li ninvestu kemm jista' jkun kmieni biex ma jinħolqux tbatijiet aktar tard, u li lin-nies "inħejjuhom" kontra r-riskji tal-ħajja minflok sempliċiment "insewwu l-ħsara". Li ninvestu fit-tfal u fiż-żgħażaġħ huwa, għalhekk, importanti.

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

Minn investiment soċjali msaħħaħ igawdu:

- **it-tfal u ż-żgħażaġħ** – interventi bikrin u miżuri oħrajn biex jtkissru ċ-ċikli interġenerazzjonali tal-iżvantaġġ
- **dawk li qed ifittxu xogħol u dawk li jistgħu jispiċċaw ifittxu xogħol** – sostenn integrat u aktar aċċessibbli biex wieħed isib xogħol.
- **in-nisa** – aktar opportunitajiet indaqs u inqas xkiel biex jidħlu fis-suq tax-xogħol
- **nies ikbar fl-età** – *opportunitajiet għal parteċipazzjoni aktar fit-tul fis-soċjetà u fl-ekonomija*
- *il-persuni b'diżabbiltajiet* – ħajja indipendenti ta' kwalità aħjar u postijiet tax-xogħol adattati
- **dawk bla saqaf fuq rashom** – *aktar possibiltajiet biex jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà u fil-qasam tax-xogħol.*
- **min iħaddem** – forza tax-xogħol akbar, aktar b'saħħitha u aktar ikkwalifikata
- **is-soċjetà kollha kemm hi** – produttività ogħla, aktar xogħol, kif ukoll saħħa u inklużjoni soċjali aħjar, li jstimulaw it-tkabbir u jtaffu l-pressjoni fuq il-baġits tal-ħarsien soċjali

GĦALIEX L-UE TRID TIEĦU AZZJONI?

- il-politika soċjali u dik tas-saħħa huma prinċipalment responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali. Madanakollu, il-kriżi wriet li l-ekonomiji tal-pajjiżi tal-UE huma interdipendenti bil-kbir.
- L-UE se tagħti appoġġ finanzjarju lill-pajjiżi tal-UE, partikolarment permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, biex iwettqu r-riformi meħtieġa.

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Enfasi ikbar fuq il-politiki li jsaħħu l-kapaċitajiet u l-ħiliet tan-nies u li jneħħu x-xkiel biex wieħed isib xogħol.
- Użu aktar effettiv u effiċjenti tar-riżorsi, li jgħin biex jiġi żgurat ħarsien soċjali adegwat u sostenibbli.
- Riżultati aħjar – niżguraw produttività ikbar, il-kapaċità tan-nies li jsibu xogħol, u s-saħħa, u dan jgħin lin-nies joħorġu mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali u jkollhom standards xierqa ta' għajxien.

META HUWA PREVIST LI L-PAKKETT JIDĦOL FIS-SEĦĦ?

Il-gvernijiet tal-UE huma mħeġġin jimplimentaw il-gwida li tinsab f'dan il-pakkett malajr kemm jista' jkun.